MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1732/2004

**Adrian J. Miller**

**Vs**

**Ivan Cutajar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf erba’ mija u hames liri Maltin (Lm1,405) rapprezentanti kumpens minnu mitlub ghas-servizzi professjonali moghtija lill-konvenut skond statement esebit Dok. A a fol 2 tal-process.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ikkawza danni lill-konvenut minhabba nuqqasijiet min-naha tieghu fil-professjoni tieghu u liema nuqqasijiet jeccedu t-talba attrici.

Ra x-xhieda traskritta ta' Adrian J. Miller, Dr David Harding, Dr Anthony Ellul u ta' Ivan Cutajar.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut kellu xi *claim* ma' l-insurance u nkariga lill-attur biex jghinu jipprepara d-dokumenti relattivi.  Fil-kors ta' dan ix-xoghol jirrizulta illi meta l-attur ra d-dokumenti ppreparati mill-konvenut, l-istess attur ta parir lill-konvenut li kellu d-dritt jiehu *refund* tal-VAT u fil-fatt ghinu biex jaghmel il-formoli relattivi sabiex jitlob tali *refund*, u l-karti ntbaghtu.

Jirrizulta wkoll illi effettivament tali talba ghar-*refund* kellha rizultati kontro-produttivi, fis-sens illi mhux talli l-attur ma rceviex *refund*, talli d-Dipartiment ghogbu jimmultah ghas-somma ta' madwar hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Illi sa dak iz-zmien, il-partijiet kienu ghadhom jahdmu flimkien izda sadanittant il-konvenut kien waqaf milli jhallas lill-attur u l-attur irrifjuta li jkompli jghin lill-konvenut jekk il-konvenut ma jhallsux.
Effettivament il-konvenut spicca biex qatt ma hallas lill-attur u b'hekk saret il-kawza odjerna.

Dr Anthony Ellul ikkonferma illi qabel ma giet intavolata l-kawza kien anki kellem bit-telefon lill-konvenut u ghalkemm il-konvenut wieghdu li ser ihallas baqa' ma hallasx.

M'huwiex ikkontestat illi s-servizzi li l-attur jghid li rrenda lill-konvenut attwalment saru u l-veru vertenza hija jekk fil-fatt il-pariri li l-attur ta lill-konvenut kienux ikkawzaw danni lill-konvenut jew le.

It-Tribunal jirrileva illi l-provi fuq din il-vertenza ma tantx huma ddettaljati izda huma sufficjenti biex almenu jwasslu lil dan it-Tribunal biex serenament jasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt kien proprju b'rizultat tal-parir ta' l-attur li l-konvenut spicca biex sab lilu nnifsu bil-problemi mad-Dipartiment tal-VAT.  Huwa possibbli wkoll illi fil-fatt il-konvenut xorta wahda kien isib ruhu f'tali diffikulta' anki minghajr il-parir u l-intervent ta' l-istess attur.

Il-konvenut sab ruhu f'dik is-sitwazzjoni mhux biss minhabba l-parir li nghata lilu mill-istess attur izda wkoll ghaliex l-attur imbaghad addirittura rrifjuta li jkompli jghin lill-konvenut biex johrog mis-sitwazzjoni tieghu.

L-attur intraprenda s-servizzi tieghu fil-kwistjoni tal-VAT u ghalhekk il-konvenut kien gustifikat li jippretendi li jkompli jghinu.  Izda wiehed imbaghad jistaqsi jekk l-attur kellux gustifikazzjoni li ma jkomplix bis-servizzi tieghu liema gustifikazzjoni tkun tali li tezonerah.
It-Tribunal jidhirlu li l-attur kellu kull dritt li jissospendi s-servizzi tieghu galadarba kien ilu x-xhur ma jithallas u dan b'mod partikolari billi ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kontijiet tieghu *omnia labor optat praemium*.  Illi ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mill-kont pendenti ta' l-attur.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u hames liri Maltin (Lm1,405) bl-ispejjez u bl-imghax.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------